MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Numru. 736/2006

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Robert Camilleri

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Robert Camilleri ta’ 31 sena, bin Carmel u Maria Dolores nee Mallia, imwieled Pieta fis-26 ta’ Mejju 1975 u residenti 61 Tal-Karmnu, Triq l-Inginiera, Zurrieq, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 286875M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-fabbrika ta’ S.T. Thomson, Triq l-Industrija, Hal-Kirkop fis-16.3.2004, ikkommetta serqa ta’ hajt tad-deheb, liema serq hu kwalifikat, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix il-mitt lira Maltin;

U aktar akkuzat talli xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 9 ta' Ottubru, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 15 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-1 ta' Gunju, 2007 (*folio* 14) *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007 u dan wara li huwa inghata zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minn tali ammissjoni.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza izda tilliberah mit-tieni akkuza li hija ta' ricettazzjoni stante li akkuza ta' serq ma tistghax tirrizulta fliemkien ma' akkuza ta' serq.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-fatt li r-refurtiva giet ritornata u l-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza kif minnu ammessa izda tilliberah mit-tieni akkuza u tiddeciedi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tilliberah bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------